**23 ta' Novembru, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Salvino Schembri et.

*versus*

Joseph Grixti et.

**Sentenza — Korrezzjoni — Proċedura — Art. 828 tal-Kap. 15.**

*Il-liġi tippermetti l-korrezzjoni ta' żbalji materjali f'sentenza, bħal ma huma żbalji evidenti tal-pinna u ta' diċitura; l-ema korrezzjoni, però, ammessa bħala prinċipju, ma għandhiex tittrasmoda u tasal li tkun ammessa b'mod li jiġi mbiddel il-provved ment mogħti fl-istess sentenza; għaliex għall-fatt li jkun ġie, tajjeb jew ħażin, ritenut fis-sentenza hemm ir-rimedju ordinarju tal-appell, u fil-każi permessi mill-liġi r-rimedju tar-ritrattazzjoni.*

*Għalkemm il-liġi tikkontempla r-rimedju tal-korrezzjoni tas-sentenza u tindika l-proċedura b'rikors għal din il-korrezzjoni, b'dan kollu, il-proċedura b'ċitazzjoni ġdida għall-korrezzjoni ta' żball f'sentenza preċedenti, għad li mhix espressament imsemmija fil-liġi, mhix affattu ripunjanti jew kontrastanti ma' ebda dispożizzjoni espressa tal-liġi, u hi perfettament konsistenti mal-prinċipji ġenerali tad-Dritt.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija dawk il-provvedimenti li għalihom ikun hemm lok, billi b'rikors tagħhom għat-trasfużjoni tal-ġudizzju preżentat fit-13 ta' Jannar 1955 fil-kawża nru. 107/1952 "Emmanuele Schembri vs. Charles Grixti", deċiża minn dik il-Qorti fit-18 ta' Frar 1955, huma kienu talbu, mħabba l-mewt ta' dan missierhom u rispettivament żewġha, li kienet saret in pendenza tal-ġudizzju, illi dak il-ġudizzju jiġi trasfuż fil-persuna tagħhom; u illi fl-imsemmi rikors, minħabba sempliċi

evidenti żball tal-pinna, kienu kkwalifikaw ruħhom bil-kunjom "Grixti" f'lok il-kunjom "Schembri", li huwa l-veru kunjom tagħhom, u għalhekk is-sentenza relattiva ġiet mogħtija fit-18 ta' Frar 1955 u reġistrata favur tagħhom bħala li għandhom il-kunjom "Grixti" anzikkè l-kunjom "Schembri", u għalhekk tista' ma tkunx operattiva a favur tagħhom; u illi, kif hija ħaġa evidenti, dan l-iżball — "lapsus calami" — kien l-effett ta' sempliċi svista fir-rikors fuq imsemmi, li minnu l-konvenuti qegħdin issa japprofittaw ruħhom billi s-sentenza tat-18 ta' Frar 1955 fuq imsemmija hija kontra tagħhom;

U billi issa l-konvenuti, kif jidher mill-kawża nru. 343/1955 "Charles Grixti vs. Salvino Schembri u oħrajn" (deċiża in parti fis-7 ta' Mejju 1957 u mbgħad mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' April 1958), differita issa għat-trattazzjoni għall-14 ta' Mejju 1958, qegħedin, dejjem in bażi għall-iżball fuq imsemmi, jitolbu r-restituzzjoni ta' motor-boat b'makna "Singer 6 cylinders" li kien ġiet konsenjata żmien ilu mill-awtur tal-konvenuti Charles Grixti lill-awtur tal-instanti Emmanuele Schembri, u dan kuntrarjament għal dak kollu li din il-Qorti bis-sentenza tagħha fuq ċitata fil-kawża nru.107/1952 "Emmanuele Schembri vs. Charles Grixti" kienet iddisponiet;

U billi, kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fuq ċitata tal-11 ta' April 1958, sa issa "ma saru ebda proċeduri biex dak l-iżball jiġi rimedjat, u s-sentenza għadha sal-lum reġistrata bl-ismijiet fuq imsemmija";

Talbu li dik il-Qorti tordna l-korrezzjoni tar-rikors tat-trasfużjoni fuq imsemmi u tas-sentenza mogħtija fit-18 ta' Frar 1955 fil-kawża fl-ismijiet "Emmanuele Schembri vs. Charles Grixti" u tar-reġistrazzjoni ta' dik is-sentenza f'dawk il-partijiet kollha fejn l-instanti jidhru u huma riportati taħt il-kunjom erroneu ta' "Grixti", billi jiġi sostitwit għal dan il-kunjom hekk erroneu l-kunjom "Schembri", li huwa l-veru kunjom tagħhom, u kull fejn jirrikorri l-bżonn ta' din il-korrezzjoni u sostituzzjoni; u dan sabiex is-sentenza tat-18 ta' Frar 1955 fuq imsemmija tkun operattiva a favur tal-instanti u kontra l-konvenuti għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u jista' hekk ikollha effett legali;

jekk hemm bżonn, issir ukoll *il-korrezzjoni tal-kunjom tal-awtur tagħhom* Emmanuele, li fir-rikors tat-trasfużjoni ġie ndikat bħala li għandu erroneament il-kunjom "Grixti";

Alternattivament għal din it-talba, mbgħad, u jekk eventwalment tista' tinqala' n-neċessità, talbu illi l-istess konvenuti, bħala aventi kawża mill-istess Charles Grixti, fuq l-istess atti tal-kawża "Emmanuele Schembri vs. Charles Grixti," deċiża fit-18 ta' Frar 1955, peress illi l-awtur tagħhom kien ħalla fil-poter tal-istess Emmanuele Schembri motor-boat "Singer" b'sitt ċilindri biex tiġi riparata, u ma riedx jeħodha lura, wara però illi jkun ħallas il-kumpens dovut *għall-okkupazzjoni* ta' biċċa *mill-garage* mingħajr numru St. Edward's Street, Gżira, minn din il-motor-boat, u l-kumpens ukoll għall-kustodja u kuri tagħha mis-sajf tal-1947, jiġu kundanati, bħala aventi kawża mill-istess Charles Grixti, illi jħallsu dak il-kumpens ġa stabbilit *mill-periti* fil-kawża fuq imsemmija għall-okkupazzjoni ta' parti mill-garage fuq imsemmi mill-istess motor-boat, u dan mis-sajf tal-1947 saż-żmien li tiġi ritirata; kif ukoll li jħallsu għall-kustodja u kuri tal-istess motor-boat u għat-*trasport* tagħha sal-garage fuq imsemmi; u li, wara li jkunu hekk ħallsu dan l-ammont, u mhux qabel, u bl-imgħaxijiet legali mill-okkupazzjoni tal-garage u mill-bidu tal-kustodja u kuri, wkoll jiġu kundannati jirtiraw il-motor-boat mill-poter tal-instanti wara l-ħlas tal-kumpens, u mhux qabel, *kollox fuq l-istess atti u fuq il-provi kollha miġburin* fil-kawża fuq imsemmija "Emmanuele Schembri vs. Charles Grixti", deċiża fit-8 ta' Frar 1955, li għaliha tiġi magħmula ampja riferenza. Bl-imgħaxijiet legali u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' Mejju 1959, li biha, prevja l-korrezzjoni tal-att promotorju tal-ġudizzju fit-tieni premessa, in kwantu għas-sena meta saret il-kawża u wara n-numru d'ordine tagħha fl-ismijiet "Emmanuele Schembri vs. Charles Grixti", maqtugħa fit-18 ta' Frar 1955, li hija ndikata bħala li ġġib in-numru 107/1955, mentri fil-fatt għandha tkun korretta fin-numru 107/1952, qatgħet u ddeċidiet billi laqgħet it-talba prinċipali attriċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, *liema korrezzjoni in*

kwantu għar-rikors tat-trasfużjoni u attijiet oħra, jekk il-każ, trid issir fil-marġini tas-sentenza fil-qiegħ tagħha, u asteniet ruħha li tiddeċidi t-talba alternattiva, għal raġunijiet ovvji li jirriżultaw mid-determinazzjoni li għaliha waslet il-Qorti. L-ispejjeż jibqgħu bla taxxa, però id-dritt tar-Reġistru jitħallas nofs kull wieħed bejn il-kontendenti. Wara li kkunsidrat;

Mill-premessi ta' din l-istess sentenza jidhru x'kienu l-fatti li taw lok għall-kawża preżenti, li tirraġġira ruħha dwar jekk din il-Qorti tistax jew le tikkoreġi l-iżball riskontrat fl-attijiet tal-kawża ċivili nru. 107/1952 fl-ismijiet "Emmanuele Schembri versus Charles sive Carmelo Grixti" u fl-attijiet sussegwenti, kompriża r-reġistrazzjoni tal-istess sentenza li ddefiniet dak l-istess proċess fit-18 ta' Frar 1955;

Illi fuq it-talba prinċipali jingħad li, kif jidher evidenti mill-proċess ċivili numru 107/1952, fl-ismijiet "Emmanuele Schembri versus Charles sive Carmelo Grixti", deċiża fit-18 ta' Frar 1955, fir-rikors tat-13 ta' Jannar 1955, għat-trasfużjoni tal-ġudizzju fil-persuna tar-rikorrenti, l-għaliex ġie nieqes l-attur, bi żball il-kunjom tal-attur u tar-rikorrenti ġie ndikat bħala Grixti, mentri fil-fatt mill-attijiet kollha kien jidher li l-attur kien Emmanuele Schembri (ara fol. 77 ta' dak il-proċess u l-inġunzjoni fil-fol. 73), u dak tar-rikorrenti, li kkwalifikaw ruħhom rispettivament bħala martu u uliedu, kellu jkun "Schembri". Del resto, il-kelma "attur" użata wara l-isem skorrett Emmanuele Grixti tal-inkartament fil-fol. 77 kienet aktar milli turi l-iżball materjali li nkorrew fih l-istess rikorrenti;

Illi fil-kawża odjerna bħala atturi qegħdin jidhru r-rikorrenti kollha fuq imsemmija, u in aġġunta Maria armla Schembri bħala tutriċi ta' bintha minuri Teodora sive Doris Schembri, li fil-proċess ċivili numru 107/1952 in re "Emmanuele Schembri vs. Charles Grixti" ma kienetx qegħdha tidher, l-għaliex it-trasfużjoni f'dak il-ġudizzju ma saretx għan-nom tagħha, u fih kwindi ma kienetx rappreżentata. Għalkemm mill-banda l-waħda l-minuri Doris Schembri, li ma nterveniet fil-kawża in kwistjoni, ma setgħetx tiġġjova ruħha mill-ġudikat tat-18 ta' Frar 1955 fir-relazzjoni

tal-konvenuti Grixti jekk il-korrezzjoni tiġi akkolta, eppure hija, jista' jingħad mill-banda l-oħra, għandha nteress f'din il-kawża in kwantu għall-istess persuni li fihom ġie trasfuż il-ġudizzju, li ċertament kellhom l-interess u setgħu jitolbu dik it-trasfużjoni (ara art. 809 tal-Kap. 15); l-għaliex f'każ ta' bwon eżitu hija tkun tista' tara li d-drittijiet tagħha, bħala bint il-mejjet Emmanuele Schembri, ikunu validament protetti u salvagwardati anki ġudizzjarjament fil-konfront u in relazzjoni ta' dawk il-persuni li kellhom interess u ottenew fil-persuna tagħhom it-trasfużjoni ta' dak l-istess ġudizzju, u kwindi dan l-interess tagħha dirett kontra min ottjena l-istess trasfużjoni għall-finijiet tad-drittijiet tagħha huwa ndirett u ħaj ("vivo") kontra l-konvenuti għall-finijiet tal-korrezzjoni;

Illi għall-aħjar istruzzjoni tal-proċess l-atturi fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom irriportaw "in extenso" dak li din il-Qorti f'waħda mill-ewwel seduti ssottomettiet għall-eżami u studju tal-partijiet għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja;

Illi m'hemmx kwistjoni li l-liġi tagħna (art. 828 Kap. 15), kif ukoll il-liġijiet kontinentali u d-dottrina tagħhom (ara Savire u Carteret, Vol. III, p. 11, kolonna 689, vuċi "Errori di Calcolo" u "Errori di Penna", u art. 473 Proċedura Ċivili tal-Kodiċi Taljan, u Ricci Proċedura Ċivili, Volume II, paġ. 348 para. 368, u Kodiċi Sardo, art. 165 in principio), jippermettu l-korrezzjonijiet ta' żball materjali fuq l-awtorità tad-Dritt Ruman, li fil-L. 46 Dig. De re judicata, jafferma li "actorum verba emendare, tenore sententiae perseverante, non est prohibitum". Anki l-ġurisprudenza tagħna hija konkordi fuq hekk (ara, fuq żball ta' kalkolu, Appell 31 ta' Mejju 1869 "Borg vs. Giordimaina" Vol. V, paġ. 148, u Appell 8 ta' Marzu 1880 "Negt. Amabile Demarco vs. Negt. Giovanni Semini", Vol. IX, p. 85; u dwar żbalji ta' pinna jew diċitura f'sentenza, ara P.A. Ċivili 16 ta' Diċembru 1870, Vol. VI, p. 276, l-istess sentenza "Demarco vs. Semini" fuq ċitata, Appell 14 ta' Diċembru 1888 "Antonio Borg ne. vs. Felice Apap et.", Vol. XII, paġ. 101, Appell 28 ta' Novembru 1864 "Antonio Giglio vs. Angelica Curmi et.", Vol. III, p. 209, P.A. Ċivili 26 ta' Frar 1896 "Giuseppa Zahra moglie di Gregorio Frendo vs. Alfredo

sive Tommaso Shalley", Vol. XV, p. 408, u arkivju Vol. I Sentenze P.A. Civile Gennajo e Febbraio 1896, paġ. 584);

Illi din il-korrezzjoni tal-iżball ta' kalkolu u tal-iżball materjali u nvolontarju evidenti tal-pinna jew tad-diċitura f'sentenza, ammessa bħala prinċipju, ma għandhiex tittrasmoda u tasal li tkun ammessa b'mod li jiġi mbiddel il-provvediment li jkun ġie mogħti mill-istess sentenza; l-għaliex għall-fatt li jkun ġie, tajjeb jew ħażin, ritenut fis-sentenza hemm ir-rimedju ordinarju tal-appell, u fil-każi permessi mil-liġi r-rimedju tar-ritrattazzjoni;

Illi r-rimedju kontemplat fl-art. 828 tal-Kap. 15 għandu jsir bil-proċedura hemm determinata, u r-rikors għandu jiġi notifikat lill-kontroparti kif tgħid u trid il-liġi, konfermata mill-ġurisprudenza (ara Kummerċ 19 ta' Novembru 1926 in re "Carlo Pace vs. Clo. Vella", Vol. XXVI-III-684); f'liema każ, is-sentenza emendata bid-digriet tiddetermina mill-istess digriet emendanti t-termini tal-appell. Dan il-fatt u dispost tal-liġi, però, ma jħassarx li dawk il-korrezzjonijiet ma jistgħux ma jiġux mitluba altrimenti bil-proċedura ordinarja segwita quddiem dawn il-Qrati, meta l-istess sentenza li tkun inkorporat l-iżball tgħaddi "in giudicato" (ara Ricci, Procedura Civile, Kap II, paġ. 349 u 350. para. 368. li għalkemm jikkommenta l-liġi taljana li mhix preċiżament bħal tagħna għat-termini sabiex tintalab il-korrezzjoni, l-għaliex fiha ma hemmx fissat terminu, eppure jagħti raġuni oħra, "perchè la correzione dell'errore materiale non altera in alcun modo il giudicato", li hija valida għal-liġi tagħna; ara wkoll P.A. Ċivili "Zahra vs. Shalley" fuq ċitata, u P.A. Ċivili 16 ta' Diċembru 1870 "Negte. Vzo. Dimech vs. Lorenzo Agius", Vol. VI, p. 276; Mariani Pisanelli Scialoja, Kommentarju tal-Kodiċi Ċivili, Vol. IV, paġ. 586 u ta' wara, paragrafi MCDXXXIX u MCXC; u Galdi, Kommentarju tal-Kodiċi Ċivili, Vol. VI, paġ. 511 u 513, kolonna 1ma. para. 1053);

Illi jingħad ukoll, l-għaliex saret menzjoni għaliha waqt it-trattazzjoni tal-kawża mill-konvenuti, illi d-dispożizzjoni 828 Kap. 15, korrispondenti għall-art. 842 tal-LL. tal-Org. u Proċedura Ċivili kif emendati bl-art. 152 tal-Ord. XV tal-1913, li kienu in vigore qabel il-LL tal-Edizzjoni Rivedu-

ta, setgħet ġiet affettata b'dik l-emenda; imma dik l-istess emenda ma kienetx tirrigwarda s-sustanza tad-dispożizzjoni kif kienet konċepita, iżda estendiet biss it-terminu tar-rikors meħtieġ għat-talba tal-korrezzjoni minn għaxart ijiem għal tletin ġurnata (ara G.G. Nru. 5569, Supplement tad-29 ta' Awissu 1913);

Illi r-raġunijiet filosofico-ġuridiċi u "di fatto" li kkonvinċew lil din il-Qorti sabiex tippropendi favur it-tezi attriċi biex il-liġi tkun interpretata fis-sens li hija in konklużjoni waslet għalieh, huma dawn:—

1. Illi s-sentenza li tikkontjeni żball materjali u nvolontarju tkun fil-fatt difformi mill-veru kontenut tagħha. L-istess ħaġa jingħad għall-attijiet tal-kawża li jkunu evidentement u nvolontarjament errati. Dak li huwa mportanti fl-attijiet proċedurali errati materjalment huwa biss il-veru kontenut tagħhom, u kwindi loġikament, legalment u ekwitattivament, ma għandux jiġi sanzjonat li għandu jipprevali żball involontarju u materjali, jew "lapsus calami" evidenti, bi preġudizzju tal-ġustizzja sostanzjali voluta u mirata mil-liġi;

2. Il-korrezzjoni ta' żball evidenti fl-att jew sentenza ma jalterax il-"mens" tal-att volut jew il-provvediment jekk tkun sentenza. Fi kliem ieħor, l-espressjoni jew l-appożizzjoni tal-kunjom żbaljat ma kienetx biċ-ċar tikkorrispondi għall-konċett pależement volut minn dawk il-persuni li talbu t-trasfużjoni;

3. Meta l-proċess ġie istitwit mill-awtur tal-atturi ġie istitwit bil-kunjom tiegħu tajjeb, u fil-kors kollu tal-ġudizzju kien huwa li dejjem deher personalment u ħarrek ix-xhieda; jekk mal-mewt tiegħu martu u xi uħud minn ulieđu talbu, anki bħala nteressati, li jiġi fihom trasfuż il-ġudizzju b'kunjom żbaljat, l-ebda modifikazzjoni ma saret fil-kontestazzjoni li kienet interveniet bejn il-kontendenti, u kwindi l-ebda preġudizzju ma kien hemm di fronti għall-konvenuti li seta' b'mod anki remot jirrifletti fuq il-ġustizzja naturali tal-każ;

4. L-iżball inkors mill-atturi, li kkwalifikaw ruħhom

rispettivament ulied u mart l-attur bil-kunjom ta' dan l-aħħar żbaljat (ara fol. 77 proċess ċivili 107/1952), ma kienx japporta di fronti għall-attijiet tal-kawża, ben inkamminata, ebda dubbjezza jew inċertezza x'riedu jfissru dawk ir-rikorrenti meta assumew l-attijiet tal-kawża, u għannom ta' min riedu jassumuhom; l-għaliex l-iżball materjali kien tant evidenti u banali li kien jidher u jagħti fil-għajn anki ta' bniedem ta' ordinarja intelliġenza;

Illi huwa a konjizzjoni tal-Qorti li ċerti awturi taljani jillimitaw l-operazzjoni tal-art. 473 tal-Kodiċi Taljan, li jixbaħ l-artikolu tagħna fuq ċitat, għall-iżbalji materjali kommessi mill-maġistrat jew ġudikant, dak li huwa "in jure condendo" awspikat li ma jibqgħax hekk mill-Borsari (ara Poc. Civ. Vol. I, komment għall-art. 473); imma fis-sentenza fuq ċitata ta' din il-Qorti tas-26 ta' Frar 1896 in re "Zahra et. vs. Shalley", l-għaref ġudikant li qatagħha esprima l-opinjoni in relazzjoni għall-artikolu in materja tagħna li l-korrezzjonijiet hemm permessi jestendu ruħhom għall-iżbalji materjali, sew inkorsi fis-sentenza, sew inkorsi fl-attijiet tal-kawża; u din il-Qorti tħoss li għandha ssegwi dik il-ġurisprudenza. L-iżball f'dik il-kawża kien fl-att taċ-ċitazzjoni li għamlet il-parti, u ġie riprodott fl-okkju tas-sentenza reġistrata, kif ġara fil-każ preżenti "mutatis mutandis" (ara arkivju Vol. 40. paġ. 72);

Illi, kwindi, it-talba attriċi timmerita li tkun milqugħa bil-favur;

Illi, dwar il-kap tal-ispejjeż, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, il-meritu jissuġġerixxi temperament fil-kap tal-ispejjeż;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha appellaw minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu li tkun riformata, billi tiġi revokata in kwantu laqgħet it-talba prinċipali tal-atturi u għalhekk ikkoreġiet ir-rikors tat-trasfużjoni u l-atti l-oħra tal-kawża msemmija fiċ-ċitazzjoni, u waħħlet lill-istess konvenuti l-ispejjeż tagħhom u nofs id-dritt tar-Reġistru, u tiġi konfermata f'kull ħaġa oħra, u b'hekk jiġi deċiż għaċ-ċaħda tad-domandi tal-atturi, bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni fil-meritu raġġunta mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Ma hemmx dubju illi fil-każ preżenti si tratta ta' żball sempliċement materjali, "lapsus calami", manifest u evidenti fuq il-wiċċ tal-atti. Il-proċedura b'ċitazzjoni ġdida adottata mill-atturi għall-korrezzjoni tiegħu, għad li mhix espressament kontemplata mil-liġi, mhix affattu ripunjanti jew kontrastanti ma' ebda dispożizzjoni espressa tal-liġi, u hi perfettament konsistenti mal-prinċipji ġenerali tad-Dritt. L-istess proċedura kienet ġiet segwita u approvata mill-Qorti fil-kawża "Zahra et. vs. Shalley", deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha fis-26 ta' Frar 1896 (Vol. XV, p. 408), fejn l-iżball li ġie korrett kien ittieħed fl-isem tal-konvenut fiċ-ċitazzjoni tal-ewwel kawża, u perpetrat fis-sentenza u atti oħra ta' dik il-kawża. Il-kwistjoni ta' korrezzjoni ta' żbalji ta' pinna u diċitura kienet ġiet anki qabel eżaminata u deċiża f'sens konformi għall-proċedura segwita fil-każ preżenti fil-kawża "Dimech vs. Agius et." deċiża mill-istess Qorti fis-16 ta' Diċembru 1870 (Vol. VI, p. 276). Dik l-istess proċedura ġiet adombrata bħala dik proprja għal kontinġenzi simili fil-konsiderandi tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-kawża "Busuttil vs. Tanti Bellotti et." fit-23 ta' Ġunju 1952 (Kollez. Vol. XXXVI-I-203);

**Ikkunsidrat, fuq l-ispejjeż;**

Din il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm raġunijiet biżżejjed biex tiġi disturbata d-diskrezzjoni użata mill-Ewwel Onorabbli Qorti;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

---